MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2006

Numru. 909/2003

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH MERCIECA
VS
JOANNE ELLUL SULLIVAN

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Joanne Ellul Sullivan, ta' 20 sena, bint Andrew Ellul Sullivan u Carmen nee' Psaila, imwielda Pieta' fl-20 ta' Dicembru 1982, u residenti Porcellina, Triq il-Bies, San Gwann, u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 115883(M), u akkuzata talli fil-5 t'April 2003, ghal habta tal-erbgha ta' filghaxija, gewwa San Pawl il-Bahar, irrendiet ruhha komplici, ai termini tal-Artiklu 42(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma' persuna mhux maghrufa, f'reat ta' serq ta' diversi oggetti, fosthom tlett mitt (300) Euro fi flus kontanti, dokumenti u xi gojjellerija ghad-dannu ta' Andrea Karhe,

turista Germaniza, liema serqa hija kkwalifikata bil-valur li ma jaqbizx l-elf Lira Maltin (Lm1000), ai termini tal-Artiklu 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 4), u tal-imputat (a fol 8) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta illi kien sar rapport fil-5 t'April 2003 lill-Pulizija tal-Qawra minn turista Germaniza bl-isem Andrea Karhe. Din stqarret illi waqt illi kienet fuq bank fi Triq San Luigi Preziosi, San Pawl il-Bahar, vicin Portobello Restaurant, innutat karozza ta' kulur iswed fl-akwata u f'hin minnhom rat lil persuna ta' xi hamsa u ghoxrin (25) sena hierga mill-karozza, ghaddiet minn hdejha, u hatfitilha l-'hand bag'. Karhe nfurmat lill-Pulizija illi fil-'hand bag' kellha tlett mitt (300) Euro, karta tal-identita', dokumenti personali, curkett tad-deheb u par imsielet. Karhe sostniet mal-Pulizija illi l-persuna illi hatfilha l-'hand bag' ratu jirkeb fil-karozza li semmiet aktar 'l fuq. Din il-karozza kienet tat-tip Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni SUL120, liema karozza hija propjeta' tal-imputata Joanne Ellul Sullivan.

L-imputata Sullivan giet mitkellma mill-Pulizija u rrilaxxat stqarrija dokument JM1 a fol 12-13 tal-process. F'din l-istqarrija, Joanne Ellul Sullivan xehdet illi dakinhar kienet iltaqghet ma' habib taghha li huwa 'transvestite' bl-isem ta' Alexia. Dan rikeb fil-karozza taghha minn fuq 'stage' St Andrews. L-imputata waslet Bugibba ghal habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar, daru ftit mal-akwati, u l-imputata tghid illi Alexia talbitha tieqaf fit-telgha ta' taht Portobello Bar and Restaurant. L-imputata tghid testwalment hekk:

**‘Jien staqsejtu ghala u nizel u lanqas qalli ghaliex, u nsomma mexxa ftit ‘l isfel, ha basket u rajtu gej jigri. Imbaghad x’gara wara?**
**Imbaghad peress li ha basket, hrigtu ‘l barra minn Bugibba u nizziltu Burmarrad.’**

Joanne Ellul Sullivan, fl-istqarrija taghha qalet illi xi hin qabel, kienet semghet lil dan Alexia jghid li kien ser jiehu basket, izda dan qalu minghajr ma kien qed jalludi ghal xi hadd partikolari.  L-imputata xehdet illi dan Alexia qal li kellu bzonn il-flus u li jahdem bhala prostituta fil-Gzira. L-imputata tghid illi dak il-lejl stess, hija ltaqghet b’kumbinazzjoni ma’ dan Alexia l-Gzira u talbitu l-affarijiet, u giet infurmata illi dawn gew mormija Bahar ic-Caghaq. Illi hija kienet ghamlet tfittxija f’dan il-post u l-uniku haga li sabet kien il-passaport u l-‘pouch’ vojt.

Mitluba tghid ghaliex hija kienet qed issegwi l-istruzzjonijiet tas-sewqan minn dan Alexia, l-imputata tghid illi hija waqfet semplicement ghax talabha hu u ghax qalilha li **‘gej minuta’** (ara fol 13).  L-imputata xehdet:

**‘Ma qallix ieqaf biex niehu basket, ma qallix hekk. Jien qatt ma hsibt illi kien ser jieqaf biex jiehu basket.’**

Mitluba tghid ghaliex wara li Alexia ha l-basket ghalfejn hallietu jirkeb lura fil-karozza taghha, l-imputata tghid:

**‘Peress illi kien mieghi fil-karozza qabel ghalhekk ghabbejtu ghax qedt li kien tan-nejk inhallih hemm.’**

PS 839 Micallef xehed u kkonferma r-rapport ta’ Andrea Karhe kif ukoll in-numru tar-registrazzjoni tal-karozza suspettuza, u cioe’ SUL120.  PS Micallef ikkonferma illi l-imputata ammettiet illi kien il-passiggier taghha, illi seraq il-basket ta’ Karhe. PS Micallef esebixxa l-okkorrenza dokument PS.

PS 342 ikkonferma l-istqarrija tal-imputata Sullivan, waqt li Christopher Darmanin, a fol 32 et seq, ikkonferma mid-Direttorat tal-Licenzji u Testijiet tal-Vetturi, illi l-vettura SUL120, Fiat Punto sewda, kienet tal-imputata.

Spettur Carmelo Magri xehed illi huwa kien qed jaghmel l-investigazzjoni fuq ‘snatch and grab’ minn certu Alexia illi fir-realta’ jismu Christopher Gatt. Illi kien sar konfront bejn dan u l-imputata, bir-rizultat imsemmi a fol 37.

Ikkunsidrat:-

Illi l-imputata hija mixlija b’komplicita’ ta’ serq ta’ ‘hand bag’ taht l-Artiklu 42(d) tal-Kap 9, u cioe’:

*‘Persuna titqies komplici f’delitt jekk hija:-*
*omissis*
*(d) ghad li ma tkunx wahda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b), u (c), b’xi mod li jkun, xjentement, tkun ghenet jew assistiet lil-awtur jew awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat;’*

Huwa ben maghruf illi sabiex isehh ir-reat ta’ komplicita’, il-Prosekuzzjoni jehtieg illi tipprova bla dubju dettat mir-raguni dak illi jissejjah il-‘common design’. Dan il-‘common design’ irid jigi stabbilit qabel ma jsehh is-serq u mhux wara.

Infatti, fil-kawza Ir-Repubblika ta’ Malta vs Meinrad Calleja, tat-3 ta’ Mejju 2000, jinghad is-segwenti:

*‘Kif inhu risaput fil-ligi taghna, u fuq l-iskorta tad-dottrina kontinentali u specjalment dik Taljana, il-komplicita’ hija essenzjalment il-partecipazzjoni ta’ aktar minn persuna wahda fil-kommissjoni ta’ reat. Biex ikun hemm il-kompartecipazzjoni fis-sens tal-Artiklu 42 tal-Kodici Kriminali taghna, hu mehtieg illi l-partecipanti jkunu agixxew materjalment (u b’wiehed mill-modi imsemmija f’paragrafu (a) sa (e) ta’ dan l-Artiklu), <u>b’determinazzjoni kriminuza komuni</u> jigifieri <u>meta l-mohh ta’ kull wiehed minnhom kien dirett ghall-kommissjoni ta’ l-istess reat.’</u>*

*‘Illi sabiex ikun hemm din id-determinazzjoni kriminuza komuni, mhux mehtieg li l-kompartecipi fir-reat ikunu tkellmu bejniethom jew addirittura ltaqghu; il-komunanza*

*fid-determinazzjoni tista' anke ssehh permezz ta' terz li jinterponi ruhu…'*

Illi hekk ukoll gie affermat fis-sentenza Il-Pulizija Spettur Norbert Ciappara vs Stanley Chircop, Appell Krim per Imh.Onor. Joseph Galea Debono, fis-6 ta' Gunju 2002:

*'Li l-istess Prosekuzzjoni lejalment qablet li l-akkuza ta' komplicita' ta' traffikar ta' droga ma kinitx tirrizulta f'dan il-kaz u ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddilunga hafna fuq dan l-aggravju hlief li tghid li taqbel mal-aggravju* ***li ma setax ikun hemm att ta' komplicita' bil-fatt illi wiehed jahbi l-mizien uzat mill-ispaccaturi, wara l-fatt, sakemm ma jirrizultax li dan kien bi ftehim minn qabel ma gie kkunsmat ir-reat tal-ispacc****.'*

Illi fil-kaz in ezami, din il-Qorti hi tal-fehma illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova illi l-imputata kienet taf illi 'Alexia' kienet ser taghmel is-serqa tal-'hand bag' b'mod imminenti, u dan jidher b'mod car fl-istqarrija tal-imputata, liema stqarrija hija prova kardinali tal-process shih. Illi l-imputata regghet halliet lil dan Alexia jidhol fil-karozza mhux biex tghinu fis-serqa izda minn sens ta' lejalta' li certament ma kienx reciprokat lejha.

Illi nfatti l-imputata ghamlet hilitha sabiex tipprova tirkupra minghand dan Alexia r-res furtiva, pero' rnexxielha biss issib passaport u 'pouch'.

Illi fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tarax kif tista' ssib htija fl-imputata tal-akkuza kif dedotta kontra taghha, u ghaldaqstant, qed tilliberaha minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------